

II

(Atti mhux leġiżlattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2020/2002

tas-7 ta' Diċembru 2020

li jistabbilixxi r-regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tan-notifika tal-Unjoni u r-rapportar tal-Unjoni ta' mard elenkat, tal-formati u l-proċeduri għas-sottomissjoni u għar-rapportar tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni u tal-programmi ta' eradikazzjoni u għall-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard, u tas-sistema ta' informazzjoni kompjuterizzata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar il-mard trażmissibbli tal-annimali u li jemenda u jħassar ċerti atti fil-qasam tas-saħħa tal-annimali ("Liġi dwar is-Saħħa tal-Annimali")⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-Artikolu 23, l-Artikolu 30(1)(b) u l-Artikoli 35 u 40 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2016/429 jistabbilixxi regoli għal mard tal-annimali li hu trażmissibbli lill-annimali jew lill-bnedmin, inkluż dispożizzjonijiet għan-notifika u għar-rapportar tal-mard, tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni, tal-programmi ta' eradikazzjoni u tal-istatus ta' ħelsien mill-mard.
- (2) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689⁽²⁾ jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 u jistabbilixxi regoli dwar is-sorveljanza, il-programmi ta' eradikazzjoni u l-istatus ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard tal-annimali elenkat u emerġenti. L-informazzjoni, il-formati u r-rekwiżiti proċedurali għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istatus ta' ħelsien mill-mard jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (3) Il-mard elenkat, kif definit fl-Artikolu 4(18) tar-Regolament (UE) 2016/429, huwa elenkat f'konformità mal-Artikolu 5(1) ta' dak ir-Regolament. Minħabba l-profil tal-mard differenti tagħhom, it-tifqigħat ta' wħud mill-mard elenkat jenħtieġ li jkunu soġġetti għal notifika immedjata tal-Unjoni, filwaqt li t-tifqigħat tal-oħrajn jenħtieġ li jkunu soġġetti għal rapportar tal-Unjoni.
- (4) B'kont meħud tal-profil tal-mard u tal-istatus tas-saħħa ta' Stat Membru, żona jew kompartiment partikolari, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika immedjata tal-Unjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar tifqigħa ta' wħud mill-mard elenkat sabiex tkun tista' ssir implimentazzjoni f'waqtha tal-miżuri meħtieġa ta' mmaniġġjar tar-riskji. F'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu stabbiliti lista apposta ta' dak il-mard elenkat, li għalih hija meħtieġa notifika immedjata tal-Unjoni, kif ukoll l-iskeda ta' żmien għal tali notifika immedjata.

⁽¹⁾ ĠU L 84, 31.3.2016, p. 1.

⁽²⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

- (5) Il-garanzji tas-saħħa tal-annimali japplikaw għal Stati Membri, żoni u kompartimenti ħielsa mill-mard għall-mard elenkat fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429. Minħabba li r-rapportar dwar is-sorveljanza mwettaq biex jinżamm l-istatus ta' ħelsien mill-mard mhuwiex obligatorju, l-obbligu li jiġu nnotifikati t-tifqigħat primarji ta' dak il-mard fi żmien 24 siegħa mill-konferma huwa ġġustifikat.
- (6) F'każ ta' tifqigħat sekondarji tal-mard elenkat, soġġetti għal notifika, l-użu stabbilit sew ta' notifiki ta' kull ġimgħa raggruppati huwa xieraq, b'kunsiderazzjoni tal-profil tal-marda u skont l-istatus tas-saħħa ta' Stat Membru, żona jew kompartiment.
- (7) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 ⁽³⁾ jiddetermina l-applikazzjoni ta' regoli għall-prevenzjoni u għall-kontroll tal-mard għall-kategoriji tal-mard elenkat għall-ispeċijiet elenkati jew għall-gruppi ta' speċijiet elenkati. L-obbligu tal-Istati Membri għal rapportar tal-Unjoni dwar id-detezzjoni ta' mard tal-kategorija E skont dak ir-Regolament għall-ispeċijiet elenkati jew gruppi ta' speċijiet elenkati rilevanti, ir-rekwiżiti proċedurali u l-informazzjoni għal rapportar bħal dan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti f'dan ir-Regolament.
- (8) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tan-notifika u r-rapportar tal-Unjoni, jenħtieġ li jiġu stabbiliti r-regoli biex tiġi stabbilita l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta, ir-regoli biex jiġu stabbiliti l-proċeduri, il-formati, id-*data* meħtieġa u r-regoli għall-elenkar tar-*reġjuni* ta' notifika u rapportar.
- (9) Għall-finijiet tal-informazzjoni li trid tiġi trażmessa meta ssir notifika tal-Unjoni kif stabbilit fl-Artikolu 19 tar-Regolament (UE) 2016/429, xi wħud mir-rekwiżiti tal-informazzjoni jenħtieġ li jkunu dettaljati aktar biex jiżguraw l-applikazzjoni uniformi ta' dik id-dispożizzjoni u jiffaċilitaw id-dħul ta' *data* fis-sistema ta' informazzjoni kompjuterizzata msemmija fl-Artikolu 22 ta' dak ir-Regolament (Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS)).
- (10) Għall-finijiet tar-rapportar tal-Unjoni ta' mard elenkat f'konformità mal-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2016/429, il-livell ta' informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar id-detezzjoni tal-mard elenkat u dwar il-programmi ta' eradikazzjoni jenħtieġ li jiġi speċifikat f'dan ir-Regolament.
- (11) L-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/429 jeħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu *reġjuni* ta' notifika u rapportar. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċarezza fin-notifika u r-rapportar tal-Unjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jelenka t-tipi ta' *reġjuni* ta' notifika u rapportar.
- (12) Barra minn hekk, huwa xieraq li jiġu stabbiliti proċeduri u formati armonizzati biex jiġi żgurat rapportar uniformi tar-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza u l-programmi ta' eradikazzjoni tal-Unjoni fl-ADIS.
- (13) L-informazzjoni pprovduta dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni jenħtieġ li tkun disponibbli fl-ADIS biex il-Kummissjoni tkun tista' timmonitorja l-progress tal-programmi ta' eradikazzjoni li għaddejnin bħalissa tal-Istati Membri. Tali informazzjoni jenħtieġ li tiġi ssupplimentata b'informazzjoni addizzjonali għall-finijiet ta' rikonoxximent ta' status ta' ħelsien mill-mard ladarba tkun inkisbet l-eradikazzjoni.
- (14) Għal mard elenkat imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament (UE) 2016/429, l-istatus tas-saħħa fi ħdan territorju ta' Stat Membru jista' jkun differenti bejn parti tat-territorju rikonoxxuta bħala ħielsa mill-mard u partijiet oħra tat-territorju bi jew mingħajr programm approvat ta' eradikazzjoni għall-istess marda. L-ADIS jenħtieġ li tippermetti l-kompilazzjoni tad-*data* u, fejn rilevanti, l-integrazzjoni b'*data* addizzjonali dwar l-għadd totali ta' tifqigħat u l-ispeċijiet elenkati affettwati jew gruppi ta' speċijiet elenkati.
- (15) L-Artikolu 28 tar-Regolament (UE) 2016/429 jeħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni lill-Kummissjoni. L-Artikolu 31 tar-Regolament (UE) 2016/429 jeħtieġ li l-Istati Membri jissottomettu programmi ta' eradikazzjoni obligatorji u fakultattivi għal mard elenkat imsemmi fil-punti (b) u (c) tal-Artikolu 9 (1) ta' dak ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi ta' dawn id-dispożizzjonijiet, f'dan ir-Regolament jenħtieġ li jiġu stabbiliti format u proċedura komuni għal daww is-sottomissjonijiet.
- (16) L-Istati Membri jenħtieġ li jissottomettu applikazzjoni lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni ta' status ta' ħelsien mill-mard għal mard tal-kategorija B u għal mard tal-kategorija C. Sabiex tiġi żgurata s-sottomissjoni uniformi ta' dawn l-applikazzjonijiet mill-Istati Membri, huwa xieraq li jiġu speċifikati l-informazzjoni, il-format u l-mezz ta' trasferiment ta' *data* meħtieġa għal dawn l-applikazzjonijiet.

⁽³⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882 tat-3 ta' Diċembru 2018 dwar l-applikazzjoni ta' ċerti regoli għall-prevenzjoni u l-kontroll tal-mard għal kategoriji ta' mard elenkat u li jistabbilixxi lista ta' speċijiet u gruppi ta' speċijiet li jippreżentaw riskju konsiderevoli għat-tixrid ta' dak il-mard elenkat (ĠU L 308, 4.12.2018, p. 21).

- (17) Billi r-Regolament (UE) 2016/429 jibda japplika mill-21 ta' April 2021, dan ir-Regolament jenħtieġ li jibda japplika wkoll minn din id-data.
- (18) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Suġġett u kamp ta' applikazzjoni

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli li jikkonċernaw:

- (1) mard tal-kategorija E rilevanti għan-notifika tal-Unjoni tat-tifqigħat u l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta mill-Istati Membri għan-notifika u r-rapportar tal-Unjoni fir-rigward tad-detezzjoni ta' mard tal-kategorija E;
- (2) l-iskadenzi u l-frekwenzi tan-notifika tal-Unjoni u r-rapportar tal-Unjoni dwar il-mard;
- (3) il-format u l-proċedura għar-rapportar lill-Kummissjoni tar-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni u l-informazzjoni, il-format u l-proċedura għar-rapportar lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra dwar ir-riżultati tal-programmi ta' eradikazzjoni;
- (4) il-format u l-istruttura tad-*data* msemmija fil-punti 1 u 3 li trid tiddaħħal fis-sistema ta' informazzjoni kompjuterizzata għan-notifika tal-Unjoni u r-rapportar tal-Unjoni dwar il-mard;
- (5) l-elenkar ta' reġjuni ta' notifika u rapportar;
- (6) il-format u l-proċedura għas-sottomissjoni ta' informazzjoni dwar programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra;
- (7) l-informazzjoni, il-format u r-rekwiżiti proċedurali fir-rigward tas-sottomissjoni ta' abbozzi ta' programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji u abbozzi ta' programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni u fir-rigward tal-indikaturi tal-prestazzjoni meħtieġa biex tiġi evalwata l-effettività tal-applikazzjoni ta' dawn il-programmi, kif ukoll il-formati u l-proċeduri għal applikazzjonijiet għar-rikonossiment tal-istatus ta' ħelsien mill-mard fit-territorju kollu tal-Istati Membri, jew żoni u kompartimenti tagħhom u għal skambji ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni dwar Stati Membri, jew żoni u kompartimenti tagħhom ħielsa mill-mard;
- (8) il-proċeduri għall-istabbiliment u l-użu tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS).

Artikolu 2

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

- (1) "marda tal-kategorija B" tfisser marda elenkata li trid tiġi kkontrollata fl-Istati Membri kollha bil-għan li tinqered fl-Unjoni kollha, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1)(b) tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (2) "marda tal-kategorija C" tfisser marda elenkata li hija ta' rilevanza għal xi Stati Membri u li għaliha huma meħtieġa miżuri biex ma titħallix tinfirx lejn partijiet tal-Unjoni li huma uffiċjalment ħielsa mill-mard jew li għandhom programmi ta' eradikazzjoni għall-marda elenkata kkonċernata, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1)(c) tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (3) "marda tal-kategorija E" tfisser marda elenkata li għaliha hemm bżonn ta' sorveljanza fl-Unjoni, kif imsemmi fl-Artikolu 9(1)(e) tar-Regolament (UE) 2016/429;
- (4) "tifqigħa primarja" tfisser tifqigħa mhux relatata b'mod epidemjoloġiku ma' tifqigħa preċedenti fl-istess reġjun ta' notifika u rapportar ta' Stat Membru jew l-ewwel tifqigħa f'reġjun ta' notifika u rapportar differenti tal-istess Stat Membru;
- (5) "tifqigħa sekondarja" tfisser tifqigħa li mhix waħda primarja;
- (6) "Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Mard tal-Annimali (ADIS)" tfisser is-sistema ta' informazzjoni kompjuterizzata għan-notifika tal-Unjoni u r-rapportar tal-Unjoni dwar il-mard imsemmi fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) 2016/429 li trid tiġi stabbilita u ġestita mill-Kummissjoni;

- (7) “kamp ta’ applikazzjoni territorjali” tfisser it-territorju kopert mill-programm ta’ eradikazzjoni f’konformità mal-Artikolu 13 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 fir-rigward tal-annimali terrestri u f’konformità mal-Artikolu 47 ta’ dak ir-Regolament Delegat fir-rigward tal-annimali akkwatiċi;
- (8) “durata tal-programm ta’ eradikazzjoni” tfisser il-perjodu ta’ applikazzjoni tal-programm ta’ eradikazzjoni f’konformità mal-Artikolu 15 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 fir-rigward tal-annimali terrestri u f’konformità mal-Artikolu 49 ta’ dak ir-Regolament Delegat fir-rigward tal-annimali akkwatiċi.

Artikolu 3

Notifika tal-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra fi żmien 24 siegħa mill-konferma ta’ kwalunkwe tifqigħa primarja fit-territorju tagħhom ta’ marda elenkata msemmija:

- (a) fil-punti 1 u 2 tal-Anness I;
- (b) fil-punt 3 tal-Anness I, jekk it-tifqigħa primarja tkun instabet fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira rilevanti fi Stat Membru jew żona ħielsa mill-mard;
- (c) fil-punti 4 u 5 tal-Anness I, jekk it-tifqigħa primarja tkun instabet fi Stat Membru, żona jew, fejn rilevanti, kompartiment ħieles mill-mard.

2. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni mhux aktar tard mill-ewwel jum ta’ xogħol ta’ kull ġimgħa li tkopri l-ġimgħa ta’ qabel, minn 0.00 it-Tnejn sa 24.00 il-Ħadd, tifqigħat sekondarji fit-territorju tagħhom ta’ marda elenkata msemmija:

- (a) fil-punti 1 u 2 tal-Anness I;
- (b) fil-punt 3 tal-Anness I, jekk tifqigħat sekondarji bħal dawn instabu fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira rilevanti fi Stat Membru jew żona ħielsa mill-mard;
- (c) fil-punti 4 u 5 tal-Anness I, jekk tifqigħat sekondarji bħal dawn instabu fi Stat Membru, żona jew, fejn rilevanti, kompartiment ħieles mill-mard.

Jekk il-Kummissjoni ma tirċievi l-ebda informazzjoni, dan jitqies li jfisser li l-ebda tifqigħa sekondarja ma ġiet ikkonfermata matul il-perjodu msemmi fl-ewwel subparagrafu.

3. In-notifiki msemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandu jkun fihom l-informazzjoni speċifikata fl-Anness II u għandhom jiġu sottomessi b’mod elettroniku permezz tal-ADIS.

Artikolu 4

Rapportar tal-Unjoni dwar id-detezzjoni tal-mard elenkat

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra sat-30 ta’ April ta’ kull sena, li tkopri s-sena kalendarja preċedenti, dwar id-detezzjoni ta’ mard tal-kategorija E li ġie kkonfermat fit-territorju tagħhom fi speċijiet elenkati u fi gruppi ta’ speċijiet elenkati msemmija fit-tabella stabbilita fl-Anness tar-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2018/1882.

2. L-ewwel rapport imsemmi fil-punt 1 irid jasal sat-30 ta’ April 2022.

3. Ir-rapportar imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih l-informazzjoni speċifikata fl-Anness III u għandu jiġi sottomess b’mod elettroniku permezz tal-ADIS.

Artikolu 5

Reġjuni ta’ notifika u rapportar

Ir-reġjuni ta’ notifika u rapportar stabbiliti mill-Istati Membri f’konformità mal-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/429 huma elenkati fl-Anness IV ta’ dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Rapportar tal-Unjoni dwar ir-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jirrapportaw lill-Kummissjoni sal-15 ta' Marzu ta' kull sena, li tkopri s-sena kalendarja preċedenti, *data* dwar ir-riżultati tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni.
2. Id-*data* msemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi sottomessa b'mod elettroniku permezz tal-ADIS.

Artikolu 7

Rapportar tal-Unjoni dwar ir-riżultati annwali tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni approvati

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni sat-30 ta' April ta' kull sena rapporti dwar ir-riżultati tal-implimentazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni approvati tagħhom li għandhom għaddejjin bħalissa.
2. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandu jkun fihom:
 - (a) għal kull sena, li tkopri s-sena kalendarja preċedenti, l-informazzjoni speċifikata:
 - (i) fit-Taqsima 1 tal-Anness V għal programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategorija B u C ta' annimali terrestri bbażati fuq l-għoti ta' status ta' ħelsien mill-mard fil-livell ta' stabbiliment;
 - (ii) fit-Taqsima 2 tal-Anness V għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-virus tar-rabja (RABV);
 - (iii) fit-Taqsima 3 tal-Anness V għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) (infezzjoni bil-BTV);
 - (iv) fit-Taqsima 4 tal-Anness V għal programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategorija B u C ta' annimali akkwatiċi; u
 - (b) għal kull sitt snin wara l-approvazzjoni inizjali tal-programmi ta' eradikazzjoni, li jkopru s-sitt snin kalendarji preċedenti, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni pprovduta preċedentement fir-rapporti msemmija fil-punt (a), l-informazzjoni speċifikata:
 - (i) fil-Punt 1 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma;
 - (ii) fil-Punt 2 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali ovini u kaprini miżmuma;
 - (iii) fil-Punt 3 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI għal programmi ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bil-kumplex tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. tuberculosis*, *M. caprae* (MTBC));
 - (iv) fil-Punt 8 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV.
3. Ir-rapporti msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiġu sottomessi b'mod elettroniku permezz tal-ADIS.

Artikolu 8

Rapportar tal-Unjoni dwar ir-riżultati finali tal-implimentazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni approvati

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni r-rapport finali tal-programmi ta' eradikazzjoni approvati tagħhom fi żmien erba' xhur mit-tlestija tagħhom.
2. Ir-rapport finali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkopri:
 - (a) fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni obligatorji, il-perjodu ta' applikazzjoni ta' dawn il-programmi mill-aħħar rapport sottomess f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 7(2) sat-tlestija;
 - (b) fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi, il-perjodu sħiħ ta' applikazzjoni mill-approvazzjoni sat-tlestija.
3. Ir-rapport finali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun fih l-informazzjoni speċifikata fil-punti (e) sa (n) tal-Artikolu 11 (1) u fl-Artikolu 11(2), kif rilevanti, bl-eċċezzjoni tal-informazzjoni pprovduta preċedentement fir-rapporti msemmija fl-Artikolu 7(1), meta l-Istati Membri jitolbu:
 - (a) ir-rikonoxximent ta' status ta' ħelsien mill-mard; jew
 - (b) l-estensjoni tal-perjodu tal-applikazzjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni f'konformità mat-tieni sentenza tal-Artikolu 15(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 jew it-tieni sentenza tal-Artikolu 49(2) ta' dak ir-Regolament Delegat.

4. Meta l-Istat Membru ma jitlobx ir-rikonoxximent għal marda tal-kategorija C ta' status ta' ħelsien mill-mard jew l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni kif imsemmi fil-punti (a) u (b) tal-paragrafu 3, l-Istat Membru ma għandux jissottometti r-rapport finali msemmi fil-paragrafu 1. Minflok, l-Istat Membru għandu jissottometti dikjarazzjoni lill-Kummissjoni li tikkonferma li l-programm ta' eradikazzjoni ma kisibx l-eradikazzjoni tal-marda u li l-estensjoni tal-perjodu ta' applikazzjoni tiegħu mhijiex mitluba.
5. Ir-rapport finali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi sottomess b'mod elettroniku permezz tal-ADIS.

Artikolu 9

Sottomissjoni u modifiki sostanzjali tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni l-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni tagħhom sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' qabel is-sena tal-bidu tal-applikazzjoni tagħhom.
2. Il-programmi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:
 - (a) jinkludu tal-inqas l-informazzjoni elenkata fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
 - (b) jiġu sottomessi b'mod elettroniku, permezz tal-mudelli elettroniċi standard ipprovduti għal dan l-iskop.
3. Il-programmi msemmija fil-paragrafu 1 li ġew sottomessi lill-Kummissjoni bħala l-parti teknika tal-applikazzjonijiet għal finanzjament mill-Unjoni huma kkunsidrati li tressqu f'konformità mal-paragrafu 1.
4. F'każ ta' modifiki sostanzjali tal-programmi ta' sorveljanza tal-Unjoni li jkun għaddejnin, l-Istati Membri għandhom jaġġornawhom u jergħu jissottomettuhom.

Artikolu 10

Sottomissjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni

1. L-Istati Membri għandhom jissottomettu b'mod elettroniku lill-Kummissjoni, billi jużaw il-mudelli elettroniċi standard ipprovduti għal dan l-iskop, għall-approvazzjoni:
 - (a) il-programmi ta' eradikazzjoni obbligatorji tagħhom sal-31 ta' Mejju tas-sena ta' qabel is-sena tal-bidu tal-applikazzjoni tagħhom;
 - (b) il-programmi ta' eradikazzjoni fakultattivi tagħhom, fi kwalunkwe ħin.
2. Il-programmi ta' eradikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu l-informazzjoni rilevanti stabbilita:
 - (a) fit-Taqsima 1 tal-Anness VII għal programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategorija B u C ta' animali terrestri bbażati fuq l-għoti ta' status ta' ħelsien mill-mard fil-livell ta' stabbiliment;
 - (b) fit-Taqsima 2 tal-Anness VII għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV;
 - (c) fit-Taqsima 3 tal-Anness VII għal programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-BTV;
 - (d) fit-Taqsima 4 tal-Anness VII għal programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategorija B u C ta' animali akkwatiċi.

Artikolu 11

Applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' Stati Membri u żoni fir-rigward ta' mard ta' animali terrestri u akkwatiċi u tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' kompartimenti fir-rigward ta' mard ta' animali akkwatiċi

1. L-Istati Membri għandhom, meta japplikaw għand il-Kummissjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard f'konformità mat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 4 tal-Parti II tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, jinkludu fl-applikazzjonijiet tagħhom l-informazzjoni rilevanti speċifikata:
 - (a) fit-Taqsimiet 1 u 2 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq l-assenza ta' speċijiet elenkati;
 - (b) fit-Taqsimiet 1 u 3 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq l-inkapaċità ta' sopravivenza tal-aġent tal-marda;
 - (c) fit-Taqsimiet 1 u 4 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq l-inkapaċità ta' sopravivenza ta' vetturi elenkati għal mard elenkat ta' animali terrestri;

- (d) fit-Taqsimit 1 u 5 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq *data* storika u ta' sorveljanza;
 - (e) fit-Taqsima 1 u fil-punt 1 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma;
 - (f) fit-Taqsima 1 u fil-punt 2 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali ovini u kaprini miżmuma;
 - (g) fit-Taqsima 1 u fil-punt 3 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-MTBC;
 - (h) fit-Taqsima 1 u fil-punt 4 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal-lewkożi enzootika bovina (EBL);
 - (i) fit-Taqsima 1 u fil-punt 5 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva (IBR/IPV);
 - (j) fit-Taqsima 1 u l-punt 6 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV);
 - (k) fit-Taqsima 1 u fil-punt 7 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għad-dijarea virali bovina (BVD);
 - (l) fit-Taqsima 1 u fil-punt 8 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV;
 - (m) fit-Taqsima 1 u fil-punt 9 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-BTV;
 - (n) fit-Taqsima 1 u, fejn rilevanti, fil-punt 10 tat-Taqsima 6 tal-Anness VI jekk l-applikazzjoni għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard hija bbażata fuq programmi ta' eradikazzjoni għal mard ta' annimali akkwatiċi.
2. L-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard ta' kompartimenti għandu jkun fihom, flimkien mal-informazzjoni msemmija fil-punt (n) tal-paragrafu 1, l-informazzjoni li ġejja:
- (a) fil-każ ta' kompartimenti msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 73(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, id-dokumentazzjoni li tissostanzja l-konformità mar-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 79(3), (4) u (5) ta' dak ir-Regolament Delegat;
 - (b) fil-każ ta' kompartimenti msemmija fil-punt (b) tal-Artikolu 73(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, il-valutazzjoni msemmija fil-punt (a) tal-Artikolu 73(3) ta' dak ir-Regolament Delegat u d-dettalji ta' kwalunkwe miżura, li ddaħħlu fis-seħħ biex jipprevjenu l-introduzzjoni tal-marda kkonċernata fil-kompartiment kif imsemmi fil-punt (c) tal-Artikolu 73(3) ta' dak ir-Regolament Delegat.
3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni immedjatament dwar kwalunkwe każ ikkonfermat tal-marda rilevanti li jinstab fit-territorju kkonċernat wara d-data tas-sottomissjoni ta' applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħelsien mill-mard u qabel id-data ta' rikonoxximent ta' dan l-istatus.
4. L-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 għandhom jiġu sottomessi b'mod elettroniku permezz tal-ADIS.

Artikolu 12

Skambju ta' informazzjoni dwar Stati Membri, jew iż-żoni u l-kompartimenti tagħhom ħielsa mill-mard

1. Il-lista ta' territorji, żoni jew kompartimenti bi status ta' ħelsien mill-mard kif imsemmi fl-Artikolu 38 tar-Regolament (UE) 2016/429 għandha tiġi kkompilata permezz tal-mudell elettroniku standard ipprovdut fuq is-sit web tal-Kummissjoni.
2. L-Istati Membri għandhom jemendaw il-lista msemmija fil-paragrafu 1 fi żmien jumejn ta' xogħol, jekk l-istatus ta' ħelsien mill-mard tat-territorju, taż-żoni jew tal-kompartimenti jinbidel minħabba nuqqas ta' konformità mar-rekwiżiti għaż-żamma ta' dan l-istatus.
3. L-Istati Membri għandhom jagħmlu d-dikjarazzjonijiet provviżorji għal żoni jew kompartimenti għal ċertu mard tal-annimali akkwatiċi kif imsemmi fil-punt (a) tal-Artikolu 83(1) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 permezz tal-mudell elettroniku standard ipprovdut fuq is-sit web tal-Kummissjoni.

*Artikolu 13***Proċeduri għall-istabbiliment u għall-użu tal-ADIS**

L-Istati Membri għandhom jużaw l-ADIS jew kwalunkwe parti minnha għad-dħul u t-trasferiment ta' *data* f'konformità ma' dan ir-Regolament mid-data kkomunikata lilhom mill-Kummissjoni.

*Artikolu 14***Dħul fis-seħħ u data ta' applikazzjoni**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu jibda japplika mill-21 ta' April 2021.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-7 ta' Diċembru 2020.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Ursula VON DER LEYEN

ANNEX I

MARD ELENKAT SOĠĠETT GĦAL NOTIFIKA TAL-UNJONI

1. **Mard elenkat tal-animali terrestri soġġett għal notifika tal-Unjoni f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 3(1) u mal-punt (a) tal-Artikolu 3(2)**
 - Marda tal-ilsien u d-dwiefer
 - Infezzjoni bil-virus tal-pesta bovina
 - Infezzjoni bil-virus tad-deni tal-Wied tar-Rift
 - Infezzjoni bil-virus tal-marda tal-inafet fil-ġilda
 - Infezzjoni bil-*Mycoplasma mycoides* subsp. *mycoides* SC (Plewropulmonite bovina li tittieħed)
 - Ġidri tan-nagħaġ u ġidri tal-mogħoż
 - Infezzjoni bil-virus tal-pesta tar-ruminanti zġħar
 - Plewropulmonite kaprina li tittieħed
 - Marda Afrikana taż-żwiemel
 - Infezzjoni bil-*Burkholderia mallei* (Glanders)
 - Deni klassiku tal-ħnieżer
 - Deni Afrikan tal-ħnieżer
 - Influwenza tat-tjur b'patoġeniċità għolja
 - Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Newcastle, ħlif meta ssir dijanjożi tagħha fi:
 - *Columbiformes*, sakemm ma jkunux miżmuma bħala tjur; jew
 - animali selvaġġi ta' speċijiet elenkati
 - Infezzjoni bil-virus tar-rabja
 - Infezzjoni bil-virus tal-marda emorraġika epizootika
 - Antraċe
 - Surra (*Trypanosoma evansi*)
 - Marda tal-virus tal-Ebola
 - Anemija ekwina infettiva
 - Durina
 - Enċefalomijelite ekwina tal-Venezwela
 - Infestazzjoni b'*Aethina tumida* (Ħanfusa zġħira tal-ġabsala)
 - Infestazzjoni bit-*Tropilaelaps* spp.
 - Infezzjoni bil-*Batrachochytrium salamandrivorans*
 - Enċefalite Ġappuniża
 - Deni tal-Punent tan-Nil
 - Enċefalomijelite ekwina (tal-Lvant u tal-Punent)
2. **Mard elenkat tal-animali akkwatiċi soġġett għal notifika tal-Unjoni f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 3(1) u mal-punt (a) tal-Artikolu 3(2)**
 - Nekrożi ematopojetika epizootika
 - Infezzjoni bil-*Mikrocytos mackini*
 - Infezzjoni bil-*Perkinsus marinus*
 - Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura
 - Infezzjoni bil-virus tal-marda tar-ras safra

3. **Mard elenkat tal-annimali terrestri soġġett għal notifika tal-Unjoni f'konformità mal-punt (b) tal-Artikolu 3(1) u mal-punt (b) tal-Artikolu 3(2)**
 - Infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis*, *B. suis*
 - Infezzjoni bil-kumplex tal-*Mycobacterium tuberculosis* (*M. bovis*, *M. caprae*, *M. tuberculosis*) (MTBC)
 - Rinotrakeite bovina infettiva/vulvovaġinite pustulari infettiva (IBR/IPV)
 - Dijarea virali bovina (BVD)
 - Lewkożi enzootika bovina (EBL)
 - Infezzjoni bil-virus tal-marda ta' Aujeszky (ADV)
 4. **Mard elenkat tal-annimali terrestri soġġett għal notifika tal-Unjoni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 3(1) u mal-punt (c) tal-Artikolu 3(2)**
 - Infezzjoni bil-virus tal-ilsien blu (serotipi 1-24) ("infezzjoni b'BTV") skont is-serotip
 - Infestazzjoni bil-*Varroa* spp.
 - Infestazzjoni bil-*Echinococcus multilocularis*
 5. **Mard elenkat tal-annimali akkwatiċi soġġett għal notifika tal-Unjoni f'konformità mal-punt (c) tal-Artikolu 3(1) u mal-punt (c) tal-Artikolu 3(2)**
 - Settiċimija emorraġika virali
 - Nekrożi ematopojetika infettiva
 - Infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'HPR
 - Infezzjoni bil-*Marteilia refringens*
 - Infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa*
 - Infezzjoni bil-*Bonamia ostreae*
 - Infezzjoni bil-virus tas-sindromu tal-ponot bojod ("infezzjoni bid-WSSV")
-

ANNEX II

INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI PPROVDUTA GĦAL NOTIFIKA TAL-UNJONI DWAR TIFQIGĦAT TA' MARD ELENKAT F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 3(3)

1. Data tad-dispaċċ.
2. Ħin tad-dispaċċ.
3. Isem tal-pajjiż.
4. Isem tal-marda u t-tip ta' patoġenu, fejn ikun xieraq.
5. Numru tas-serje tat-tifqigħa.
6. Tip ta' tifqigħa (tifqigħa primarja/sekondarja).
7. Numru ta' referenza tat-tifqigħa marbut ma' din it-tifqigħa (fejn ikun applikabbli).
8. Reġjun u pożizzjoni ġeografika tat-tifqigħa.
9. Data tas-suspett.
10. Data tal-konferma.
11. Metodi dijanjostiċi użati.
12. Oriġini tal-marda.
13. Miżuri ta' kontroll meħuda.
14. Annimali involuti fit-tifqigħa:
 - (a) Annimali terrestri (skont l-ispeċi) hlied in-naħal tal-għasel u n-naħal bagħli:
 - (i) għadd ta' annimali suxxettibbli, inklużi annimali selvaġġi fejn ikun applikabbli;
 - (ii) għadd stmat ta' annimali infettati jew infestati klinikament jew subklinikament inklużi annimali selvaġġi, fejn ikun applikabbli;
 - (iii) għadd stmat ta' annimali li mietu jew, fil-każ ta' annimali selvaġġi, li nstabu mejta;
 - (iv) għadd ta' annimali maqtula;
 - (v) għadd ta' annimali mbiċċra;
 - (b) Naħal tal-għasel u naħal bagħli:
 - (i) għadd ta' kolonji suxxettibbli;
 - (ii) għadd ta' kolonji li huma klinikament jew subklinikament infettati jew infestati;
 - (iii) għadd ta' kolonji mejta;
 - (iv) għadd ta' kolonji li nqerdu;
 - (c) Annimali akkwatiċi (skont l-ispeċi):
 - (i) għadd stmat jew bijomassa ta' annimali suxxettibbli, inklużi annimali selvaġġi fejn ikun applikabbli;
 - (ii) għadd stmat jew bijomassa ta' annimali klinikament jew subklinikament infettati, inklużi annimali selvaġġi fejn ikun applikabbli;
 - (iii) għadd stmat jew bijomassa ta' annimali li mietu jew fil-każ ta' annimali selvaġġi, li nstabu mejta;
 - (iv) għadd stmat jew bijomassa ta' annimali maqtula;
 - (v) għadd stmat jew bijomassa ta' annimali mbiċċra.
15. Data ta' tindif u diżinfettar preliminari (fejn ikun applikabbli).

*ANNEX III***INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI PPROVDUTA GĦAR-RAPPORTAR TAL-UNJONI DWAR ID-DETEZZJONI
TAL-MARD ELENKAT F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 4(3)**

1. Data tar-rapport.
 2. Perjodu ta' rappurtar.
 3. Isem tal-pajjiż.
 4. Isem tal-marda u t-tip ta' patoġenu, fejn ikun xieraq.
 5. Għadd ta' tifqigħat ta' speċijiet ta' annimali elenkati jew ta' gruppi ta' speċijiet matul il-perjodu ta' rappurtar.
 6. Data tal-konferma tal-aħħar tifqigħa.
-

ANNEX IV

REĠJUNI FL-ISTATI MEMBRI GĦALL-FINI TA' NOTIFIKA U RAPPORTAR F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 5

Stat Membru:	Reġjuni ta' notifika u rapportar:
Il-Belġju	provinċja — provincie
Il-Bulgarija	област
Iċ-Ċekja	okres
Id-Danimarka	unitajiet jew muniċipalitajiet veterinarji
Il-Ġermanja	Kreis, Regierungsbezirk oder Bundesland
L-Estonja	maakond
L-Irlanda	kontea
Il-Greċja	περιφερειακή ενότητα
Spanja	provincia
Franza	département
Il-Kroazja	županija
L-Italja	provincia
Ċipru	επαρχία
Il-Latvja	novads
Il-Litwanja	apskritis
Il-Lussemburgu	il-pajjiż kollu
L-Ungerija	megye
Malta	il-pajjiż kollu
In-Netherlands	gemeente
L-Awstrija	Bezirk
Il-Polonja	powiat
Il-Portugall	il-pajjiż kontinentali: distrito partijiet oħra tat-territorju: região autónoma
Ir-Rumanija	judet
Is-Slovenja	območni urad
Is-Slovakkja	kraj
Il-Finlandja	maakunta/landskap
L-Iżvezja	kommun

ANNEX V

**INFORMAZZJONI DWAR IR-RIŻULTATI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TA' PROGRAMMI TA' ERADIKAZZJONI
OBBLIGATORJI U FAKULTATTIVI LI JRIDU JIĠU PPROVDUTI F'KONFORMITÀ MAL-PUNT (A) TAL-
ARTIKOLU 7(2)**

TAQSIMA 1

**Riżultati tal-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategorija B u C ta' annimali terrestri bbażati fuq l-għoti
ta' status ta' ħielsa mill-mard fil-livell ta' stabbilimenti**

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar il-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C ta' annimali terrestri bbażati fuq l-għoti ta' status ta' ħielsa mill-mard fil-livell ta' stabbilimenti:

1. Data tar-rapport.
2. Perjodu ta' rappurtar.
3. Isem tal-pajjiż.
4. Isem tal-marda.
5. Kamp ta' applikazzjoni territorjali (fil-każ ta' bidla fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali f'konformità mal-punt 4 tat-Taqsima 1 tal-Anness VII).
6. Informazzjoni dwar l-istabbilimenti u l-annimali kkonċernati li jinsabu fit-territorju f'konformità mal-punt 5, skont iż-żona jew ir-reġjun jekk hemm aktar minn reġjun wieħed inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) Għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali mill-popolazzjoni tal-annimali fil-mira ħlief stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 ⁽¹⁾ fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) Għadd ta' annimali tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira li jinżammu fl-istabbilimenti msemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) Għadd ta' stabbilimenti bi status ta' ħielsa mill-mard inklużi stabbilimenti bi status sospiż ta' ħielsa mill-mard, b'tilqim jew mingħajr tilqim, fejn ikun rilevanti, mill-għadd ta' stabbilimenti msemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru;
 - (d) Għadd ta' annimali miżmuma fl-istabbilimenti msemmija fil-punt (c);
 - (e) Għadd ta' stabbilimenti b'każ wieħed jew aktar ikkonfermati mill-għadd ta' stabbilimenti msemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru;
 - (f) Għadd ta' tifqigħat ikkonfermati matul il-perjodu ta' rappurtar.

TAQSIMA 2

Ir-riżultati tal-programmi ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bl-RABV

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar il-programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV:

1. Data tar-rapport.
2. Perjodu ta' rappurtar.
3. Isem tal-pajjiż.
4. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali (fil-każ ta' bidla fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali f'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima 2 tal-Anness VII).
5. Informazzjoni dwar is-sorveljanza għal kull żona jew reġjun jekk ikun hemm aktar minn reġjun wieħed inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm, inkluż mill-inqas mapep bid-*data* ta':
 - (a) Għadd ta' annimali indikaturi ttestjati għal kull speċi;
 - (b) Għadd ta' każijiet ikkonfermati skont l-ispeċi.

⁽¹⁾ Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 tas-17 ta' Diċembru 2019 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli għas-sorveljanza, għall-programmi ta' eradikazzjoni u għall-istat ta' ħelsien mill-mard għal ċertu mard elenkat u emerġenti (ĠU L 174, 3.6.2020, p. 211).

6. Informazzjoni dwar it-tilqim ta' annimali selvaġġi, għal kull żona jew reġjun jekk ikun hemm aktar minn reġjun wieħed inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) Għadd u dati tal-kampanji ta' tilqim;
 - (b) Densità tal-lixka tal-vaċċin miksuba u, jekk id-daqs totali taż-żona tat-tilqim għal kull kampanja tat-tilqim ikun ta' aktar minn 20 000 km², il-mapep tad-densità tal-lixka tal-vaċċin;
 - (c) Fuq talba tal-Kummissjoni, fajls elettroniċi li jkun fihom:
 - (i) Rotot ta' titjir irreġistrati matul id-distribuzzjoni tal-lixka tal-vaċċin;
 - (ii) Distribuzzjoni tal-lixka tal-vaċċin (il-ħin u l-pożizzjoni ta' kull lixka rilaxxata) irreġistrata matul id-distribuzzjoni mill-ajru jekk id-daqs totali taż-żona tat-tilqim għal kull kampanja tat-tilqim ikun akbar minn 20 000 km²;
 - (d) Informazzjoni dwar il-monitoraġġ tal-effettività tat-tilqim, b'mapep bid-*data* ta':
 - (i) għadd ta' annimali pożittivi għat-test tal-bijomarkatur/għadd ta' testijiet tal-bijomarkatur imwettqa;
 - (ii) għadd ta' annimali li huma pożittivi għal testijiet seroloġiċi/għadd ta' testijiet seroloġiċi mwettqa.

TAQSIMA 3

Riżultati tal-programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-BTV

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar il-programmi ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bil-BTV:

1. Data tar-rapport.
2. Perjodu ta' rappurtar.
3. Isem tal-pajjiż.
4. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali (fil-każ ta' bidla fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali f'konformità mal-punt 3 tat-Taqsima 3 tal-Anness VII).
5. Informazzjoni dwar is-sorveljanza fit-territorju f'konformità mal-punt 4, skont iż-żona jew ir-reġjun jekk ikun hemm aktar minn reġjun wieħed inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali tal-popolazzjoni ta' annimali fil-mira fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) għadd ta' annimali tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira li jinżammu fl-istabbilimenti msemmija fil-punt (a) tal-31 ta' Diċembru;
 - (c) għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali tal-popolazzjoni ta' annimali fil-mira fejn ikun sar it-tilqim kontra l-infezzjoni bil-BTV u għadd ta' annimali mlaqqma matul il-perjodu ta' rappurtar, skont l-ispeċi u, jekk rilevanti, skont is-serotipi tal-BTV;
 - (d) għadd ta' tifqigħat skont is-serotip tal-BTV ikkonfermat matul il-perjodu ta' rappurtar;
 - (e) għadd u post ta' stabbilimenti protetti mill-vetturi, fejn ikun rilevanti;
 - (f) deskrizzjoni taż-żoni staġjonalment ħielsa mill-BTV u dati tal-bidu u tmiem tal-perjodu ħieles mill-vetturi, fejn ikun rilevanti.

TAQSIMA 4

Riżultati tal-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C tal-annimali akkwatiċi

Informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar il-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C tal-annimali akkwatiċi:

1. Data tar-rapport.
2. Perjodu ta' rappurtar.
3. Isem tal-pajjiż.
4. Isem tal-marda.
5. Il-kamp ta' applikazzjoni territorjali (fil-każ ta' bidla fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali f'konformità mal-punt 4 tat-Taqsima 4 tal-Anness VII).

6. Informazzjoni dwar l-istabbilimenti tal-akkwakultura u l-annimali kkonċernati li jinsabu fit-territorju msemmi fil-punt 5 skont il-kompartiment, iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati u għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati li jżommu annimali mill-popolazzjoni tal-annimali fil-mira u, fejn ikun rilevanti, punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, li huma inklużi fil-programm ta' eradikazzjoni, fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura u, fejn ikun rilevanti, il-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, mill-għadd ta' stabbilimenti jew mill-punti ta' kampjunar imsemmija fil-punt (a), li mhumiex infettati fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura infettati u, fejn ikun rilevanti, punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi b'każ(ijiet) ikkonfermat(i) mill-għadd ta' stabbilimenti u mill-punti ta' kampjunar imsemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru;
 - (d) għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura infettati ġodda u, fejn ikun rilevanti, punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, b'każ(ijiet) ikkonfermat(i) mill-għadd ta' stabbilimenti u punti ta' kampjunar imsemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru.
-

ANNEX VI

INFORMAZZJONI DWAR IR-RIŻULTATI TAL-IMPLIMENTAZZJONI TA' PROGRAMMI TA' ERADIKAZZJONI OBBLIGATORJI U FAKULTATTIVI LI TRID TIĠI PPROVDUTA F'KONFORMITÀ MAL-PUNT B TAL-ARTIKOLU 7(2) U INFORMAZZJONI LI TRID TIĠI INKLUŻA FL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' STATUS TA' ĦIELSA MILL-MARD TA' STATI MEMBRI JEW ŻONI FIR-RIGWARD TA' MARD TA' ANIMALI TERRESTRI U AKKWATIĊI U FL-APPLIKAZZJONIJIET GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' STATUS TA' ĦIELSA MILL-MARD TA' KOMPARTIMENTI FIR-RIGWARD TA' MARD TA' ANIMALI AKKWATIĊI F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 11

TAQSIMA 1

Konformità mal-kriterji ġenerali

Informazzjoni ġenerali li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard:

1. Data tal-applikazzjoni.
2. Isem tal-pajjiż.
3. Isem tal-marda.
4. Kamp ta' applikazzjoni territorjali fir-rigward tar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard.
5. Dikjarazzjoni li tikkonferma l-konformità mal-kriterji ġenerali rilevanti f'konformità mal-punt (a) tal-Artikolu 66 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għall-Istati Membri jew għaż-żoni, jew mal-punt (a) tal-Artikolu 73(1) ta' dan ir-Regolament Delegat għall-kompartimenti akkwatiċi.

TAQSIMA 2

Status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq in-nuqqas ta' speċijiet elenkati

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq in-nuqqas ta' speċijiet elenkati:

Dokumentazzjoni f'konformità mal-Artikoli 67(2) jew 74(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

TAQSIMA 3

Status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq l-inkapaċità tal-aġent tal-marda li jgħix

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq l-inkapaċità tal-aġent tal-marda li jgħix:

Dokumentazzjoni f'konformità mal-Artikoli 68(2) jew 75(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

TAQSIMA 4

Status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq l-inkapaċità ta' sopravivenza ta' vetturi elenkati għal mard elenkat ta' animali terrestri

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq l-inkapaċità ta' sopravivenza ta' vetturi elenkati għal mard elenkat ta' animali terrestri:

Dokumentazzjoni f'konformità mal-Artikolu 69(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

TAQSIMA 5

Status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq data storika u ta' sorveljanza

1. Informazzjoni li trid tiġi inkluża mill-awtorità kompetenti fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq data storika u ta' sorveljanza, dment li l-marda qatt ma tkun ġiet irrapportata fit-territorju kkonċernat jew tkun ġiet eradikata u ma ġietx irrapportata għal mill-inqas 25 sena qabel l-applikazzjoni għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard f'dan it-territorju:

(a) jekk jintalab ir-rikonoxximent tal-istatus ħielsa mill-infestazzjoni b'*Varroa* spp.:

evidenza dokumentata dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (f) tat-Taqsima 1 tal-Parti III tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;

- (b) jekk jintalab ir-rikonoxximent tal-istatus ta' ħielsa mill-infezzjoni b'*Bonamia exitiosa*:
- (i) ir-riżultati ta' sħarriġ li jkun sar għal mill-inqas sena fl-istabbilimenti jew fil-gruppi kollha ta' stabbilimenti li jżommu speċijiet elenkati fi ħdan l-Istat Membru, żona jew kompartment, u fejn ikun meħtieġ, punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi. Dawn iridu jkunu ġew ittestjati bl-użu ta' daqs ta' kampjun li jippermetti li tiġi identifikata infezzjoni bil-*Bonamia exitiosa* b'livell ta' fiduċja ta' 95 %, jekk l-aġent tal-marda jkun preżenti fil-popolazzjoni b'rata ta' prevalenza ta' 2 %;
 - (ii) miżuri applikati għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-*Bonamia exitiosa* fit-territorju kkonċernat;
 - (iii) miżuri ta' kontroll tal-mard applikati f'każ ta' tifqigħa;
- (c) jekk jintalab rikonoxximent tal-istatus ta' ħielsa mill-infezzjoni bid-WSSV:
- (i) ir-riżultati ta' sħarriġ li jkun sar għal mill-inqas sena fl-istabbilimenti jew fil-gruppi kollha ta' stabbilimenti li jżommu speċijiet elenkati fi ħdan l-Istat Membru, żona jew kompartment, u fejn ikun meħtieġ, punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi. Dawn għandhom ikunu ġew ittestjati bl-użu ta' daqs ta' kampjun li jippermetti d-detezzjoni ta' infezzjoni bid-WSSV b'livell ta' fiduċja ta' 95 %, jekk l-aġent tal-marda jkun preżenti fil-popolazzjoni b'rata ta' prevalenza ta' 2 %;
 - (ii) miżuri applikati għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tad-WSSV fit-territorju kkonċernat;
 - (iii) miżuri ta' kontroll tal-mard applikati f'każ ta' tifqigħa.
2. Informazzjoni li tkopri mill-inqas l-10 snin ta' qabel li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent tal-istatus ta' ħielsa mill-BVD ibbażat fuq *data* storika u ta' sorveljanza, meta ġiet irrappurtata f'dawn l-aħħar 25 sena u ġiet eradikata mit-territorju kkonċernat:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini skont l-istat tas-saħħa ⁽¹⁾ u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru ta' kull sena;
 - (b) strateġija/reġimi tal-ittestjar u metodi dijanjostiċi użati biex jiddeterminaw l-istatus tal-BVD tal-istabbilimenti li jżommu l-annimali bovini (infettati, mhux infettati);
 - (c) strateġija/reġimi ta' ttestjar u metodi dijanjostiċi użati biex jagħtu prova taż-żamma tal-istatus ta' stabbilimenti mhux infettati li jżommu l-annimali bovini;
 - (d) miżuri għall-prevenzjoni tal-introduzzjoni tal-virus BVD fit-territorju kkonċernat;
 - (e) miżuri ta' kontroll tal-mard applikati f'każ ta' tifqigħa;
 - (f) l-għadd ta' tifqigħat kull sena;
 - (g) l-għadd ta' każijiet ikkonfermati matul it-18-il xahar ta' qabel;
 - (h) l-istorja tat-tilqim u d-data tal-projbizzjoni tat-tilqim kontra l-BVD għal annimali bovini miżmuma.

3. Informazzjoni li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq *data* storika u ta' sorveljanza jekk jintalab rikonoxximent tal-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni tal-virus tal-marda ta' Newcastle mingħajr tilqim:

evidenza dokumentata dwar l-issodisfar tar-rekwiżiti stabbiliti fil-punti (a) sa (e) tat-Taqsima 1 tal-Parti IV tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689.

TAQSIMA 6

Status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq programmi ta' eradikazzjoni

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fl-applikazzjonijiet għar-rikonoxximent ta' status ta' ħielsa mill-mard ibbażat fuq programmi ta' eradikazzjoni, skont is-sena kalendarja:

1. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali bovini miżmuma skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini, ħliet stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;

(¹) Infettat, mhux infettat, mhux magħruf.

- (b) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali bovini bl-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* b'tilqim jew mingħajr tilqim inklużi stabbilimenti bi status sospiż ta' ħielsa mill-mard u għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini ttestjati kull sena b'test seroloġiku għall-għoti jew għaż-żamma tal-istatus u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati;
 - (d) l-għadd ta' stabbilimenti b'suspett wara l-ittestjar imsemmi fil-punt (c);
 - (e) l-għadd ta' annimali bovini introdotti fi stabbiliment imsemmi fil-punt (a);
 - (f) l-għadd ta' annimali bovini ttestjati b'test seroloġiku fil-kuntest tal-introduzzjoni tagħhom fi stabbiliment;
 - (g) l-għadd ta' stabbilimenti b'suspett wara l-ittestjar imsemmi fil-punt (f);
 - (h) l-għadd ta' stabbilimenti kkonfermati bħala infettati fost dawk imsemmija fil-punti (d) u (g);
 - (i) l-għadd ta' stabbilimenti b'investigazzjonijiet għal każijiet ta' aborti li setgħu ġew ikkawżati minn infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*;
 - (j) l-għadd ta' stabbilimenti kkonfermati li huma infettati fost dawk imsemmija fil-punt (i);
 - (k) l-għadd totali ta' stabbilimenti kkonfermati li huma infettati jekk differenti mis-somma ta' dawk irrapportati fil-punti (h) u (j);
 - (l) data tal-aħħar tilqima kontra infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* ta' annimali bovini miżmuma;
 - (m) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.
2. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni b'*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* fir-rigward ta' annimali ovini u kaprini miżmuma, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali ovini jew kaprini, ħliet stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali ovini jew kaprini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali ovini jew kaprini bl-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* bi jew mingħajr tilqim inklużi stabbilimenti bi status sospiż ta' ħielsa mill-mard u l-għadd ta' annimali ovini jew kaprini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali ovini jew kaprini ttestjati kull sena b'test seroloġiku għall-għoti jew għaż-żamma tal-istatus u l-għadd ta' annimali ovini jew kaprini ttestjati;
 - (d) l-għadd ta' stabbilimenti b'suspett wara l-ittestjar imsemmi fil-punt (c);
 - (e) l-għadd ta' annimali ovini jew kaprini introdotti fi stabbiliment imsemmi fil-punt (a);
 - (f) l-għadd ta' annimali ovini jew kaprini ttestjati b'test seroloġiku fil-kuntest tal-introduzzjoni tagħhom fi stabbiliment;
 - (g) l-għadd ta' stabbilimenti b'suspett wara l-ittestjar imsemmi fil-punt (f);
 - (h) l-għadd ta' stabbilimenti kkonfermati bħala infettati fost dawk imsemmija fil-punti (d) u (g);
 - (i) l-għadd ta' stabbilimenti b'investigazzjonijiet għal każijiet ta' aborti li setgħu ġew ikkawżati minn infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis*;
 - (j) l-għadd ta' stabbilimenti kkonfermati li huma infettati fost dawk imsemmija fil-punt (i);
 - (k) l-għadd totali ta' stabbilimenti kkonfermati li huma infettati jekk differenti mis-somma ta' dawk irrapportati fil-punti (h) u (j);
 - (l) data tal-aħħar tilqima kontra infezzjoni bil-*Brucella abortus*, *B. melitensis* u *B. suis* ta' annimali ovini u kaprini miżmuma;
 - (m) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali ovini jew kaprini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.

3. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni b'MTBC, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini, hliief stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali bovini bl-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bl-MTBC inkluż stabbilimenti bi status ta' hiesien minn mard sospiż u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali bovini ttestjati matul is-sena għall-għoti jew għaż-żamma tal-istatus u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati għal kull reġim tal-ittejtjar li ġej kif previst fit-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689:
 - (i) ittejtjar meħtieġ kull 12-il xahar;
 - (ii) ittejtjar meħtieġ kull 24-il xahar;
 - (iii) ittejtjar meħtieġ kull 36-il xahar;
 - (iv) ittejtjar meħtieġ kull 48-il xahar;
 - (d) l-għadd ta' stabbilimenti b'suspett wara l-ittejtjar imsemmi fil-punt (c);
 - (e) l-għadd ta' annimali bovini introdotti fi stabbiliment imsemmi fil-punt (a);
 - (f) l-għadd ta' annimali bovini ttestjati fil-kuntest tal-introduzzjoni tagħhom fi stabbiliment;
 - (g) l-għadd ta' stabbilimenti b'suspett wara l-ittejtjar imsemmi fil-punt (f);
 - (h) l-għadd ta' stabbilimenti kkonfermati bħala infettati fost daww imsemmija fil-punti (d) u (g);
 - (i) l-għadd ta' annimali bovini mibgħuta għall-biċċerija minn stabbiliment bi status ta' ħielsa minn infezzjoni bl-MTBC;
 - (j) l-għadd ta' annimali bovini maqtula, fost daww imsemmija fil-punt (i), li jippreżentaw leżjonijiet suspettati ta' infezzjoni bl-MTBC li ġew investigati;
 - (k) l-għadd ta' annimali bovini, fost daww imsemmija fil-punt (j), ikkonfermati li huma infettati;
 - (l) l-għadd totali ta' stabbilimenti kkonfermati li ġew infettati wara d-detezzjoni ta' leżjoni suspettata fil-biċċerija;
 - (m) l-għadd totali ta' stabbilimenti kkonfermati li ġew infettati jekk differenti mis-somma ta' daww irrapportati fil-punti (h) u (l);
 - (n) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.
4. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għall-EBL, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini, hliief stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti bl-istatus ta' ħielsa mill-EBL inklużi stabbilimenti bi status sospiż ta' ħielsa mill-mard u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' stabbilimenti li ngħataw l-istatus ta' ħielsa mill-EBL u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
 - (d) l-għadd ta' stabbilimenti ttestjati għaż-żamma tal-istatus ta' ħielsa mill-EBL u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
 - (e) l-għadd ta' stabbilimenti msemmija fil-punt (c) u l-għadd ta' stabbilimenti msemmija fil-punt (d) b'każ wieħed jew aktar suspettat(i);
 - (f) l-għadd ta' stabbilimenti u l-għadd ta' annimali bovini msemmija fil-punt (c) b'każijiet ikkonfermati wara l-investigazzjoni tal-każ(ijiet) suspettat(i) imsemmi(ja) fil-punt (e);

- (g) l-għadd ta' stabbilimenti u l-għadd ta' annimali bovini msemija fil-punt (d) b'każijiet ikkonfermati wara l-investigazzjoni tal-każ(ijiet) suspettat(i) imsemmi(ja) fil-punt (e) inkluż l-għadd ta' każijiet ikkonfermati;
 - (h) l-għadd ta' annimali bovini ta' aktar minn 24 xahar li jkunu nqatlu;
 - (i) l-għadd ta' każijiet suspettati li ġew identifikati fil-kuntest tal-eżami *post-mortem* uffiċjali tal-annimali msemija fil-punt (h) u li ġew investigati biex tiġi kkonfermata jew eskluża l-preżenza tal-EBL;
 - (j) l-għadd ta' każijiet ikkonfermati wara l-eżami msemmi fil-punt (i) ta' annimali bovini li nżammu fi stabbiliment;
 - (k) l-għadd ta' stabbilimenti b'każ ikkonfermat wieħed jew aktar fil-31 ta' Diċembru;
 - (l) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.
5. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għall-IBR/IPV, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini, ħliet stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti li għandhom l-istatus ta' ħielsa mill-IBR/IPV, inklużi stabbilimenti bi status ta' ħielsa mill-mard sospiż u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' stabbilimenti li ngħataw l-istatus ta' ħielsa mill-IBR/IPV u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
 - (d) l-għadd ta' stabbilimenti ttestjati għaż-żamma tal-istatus ta' ħielsa mill-IBR/IPV u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti skont ir-reġimi tal-ittestjar previsti fit-Taqsim 2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti IV tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689;
 - (e) l-għadd ta' stabbilimenti b'każijiet ikkonfermati inkluż l-għadd ta' każijiet ikkonfermati;
 - (f) l-għadd ta' stabbilimenti msemija fil-punti (a) u (b) li jżommu l-annimali bovini vaċċinati b'differenzjazzjoni bejn l-annimali infettati u daww vaċċinati (DIVA) u l-għadd ta' annimali vaċċinati DIVA li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (g) l-għadd ta' annimali bovini li ġew vaċċinati DIVA matul il-perjodu ta' rappurtar;
 - (h) fejn xieraq, id-data tal-aħħar tilqima kontra l-IBR/IPV tal-annimali bovini miżmuma;
 - (i) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.
6. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-ADV, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali porċini, ħliet stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, u l-għadd ta' annimali porċini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti bi status ta' ħielsa minn infezzjoni bl-ADV, inklużi stabbilimenti bi status ta' ħielsa mill-mard sospiż u l-għadd ta' annimali porċini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' stabbilimenti li ngħataw l-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bl-ADV u l-għadd ta' annimali porċini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
 - (d) l-għadd ta' stabbilimenti ttestjati għaż-żamma tal-istatus ta' ħielsa minn infezzjoni bl-ADV u l-għadd ta' annimali porċini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
 - (e) l-għadd ta' stabbilimenti b'evidenza klinika, viroloġika jew seroloġika ta' infezzjoni bl-ADV;
 - (f) l-għadd ta' stabbilimenti b'każijiet ikkonfermati fil-31 ta' Diċembru;
 - (g) l-għadd ta' stabbilimenti msemija fil-punt (a) li jwettqu vaċċinazzjoni DIVA u l-għadd ta' annimali porċini li ġew vaċċinati DIVA;

- (h) fejn ikun xieraq, id-data tal-aħħar vaċċinazzjoni kontra l-ADV tal-annimali porċini miżmuma;
- (i) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali porċini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.
7. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għall-BVD, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu l-annimali bovini, ħliet stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
- (b) l-għadd ta' stabbilimenti bl-istatus ta' ħielsa mill-BVD inklużi stabbilimenti bi status sospiż ta' ħielsa mill-mard u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
- (c) l-għadd ta' stabbilimenti bl-istatus ta' ħielsa mill-BVD f'konformità mal-punt 2(b) tat-Taqsima 1 tal-Kapitolu 1 tal-Parti VI tal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 li għandhom l-istatus ta' ħielsa mill-BVD miżmum f'konformità mal-punt 2 tat-Taqsima 2 tal-Kapitolu 1 tal-Parti VI tal-Anness IV ta' dan ir-Regolament Delegat u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru;
- (d) l-għadd ta' stabbilimenti li ngħataw l-istatus ta' ħielsa mill-BVD u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
- (e) l-għadd ta' stabbilimenti ttestjati għaż-żamma tal-istatus ta' ħielsa mill-BVD u l-għadd ta' annimali bovini ttestjati f'dawn l-istabbilimenti;
- (f) l-għadd ta' stabbilimenti b'każijiet ikkonfermati fil-31 ta' Diċembru inkluż l-għadd ta' każijiet ikkonfermati;
- (g) l-għadd ta' stabbilimenti b'każijiet ikkonfermati marbuta b'mod epidemjoloġiku mal-introduzzjoni tal-annimali;
- (h) l-għadd ta' stabbilimenti fejn annimali bovini miżmuma jiġu vaċċinati kontra l-BVD u l-għadd ta' annimali vaċċinati;
- (i) fejn xieraq, id-data tal-aħħar vaċċinazzjoni kontra l-BVD tal-annimali bovini miżmuma;
- (j) l-għadd ta' stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-għadd ta' annimali bovini li jinżammu f'dawn l-istabbilimenti fil-31 ta' Diċembru.
8. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV, skont iż-żona jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm, informazzjoni dwar:
- (a) is-sorveljanza, inkluż tal-anqas mapep bid-*data* ta':
- (i) annimali indikaturi ttestjati għal kull speċi;
- (ii) każijiet ikkonfermati skont l-ispeċi;
- (b) it-tilqim ta' annimali selvaġġi:
- (i) l-għadd u d-dati tal-kampanji ta' tilqim;
- (ii) id-densità tal-lixka tal-vaċċin miksuba għal kull żona jew reġjun u, jekk id-daqs totali taż-żona tat-tilqim għal kull kampanja ta' tilqim ikun ta' aktar minn 20 000 km², il-mapep tad-densità tal-lixka tal-vaċċin;
- (iii) fuq talba tal-Kummissjoni, fajls elettroniċi bi:
- rotot ta' titjir irreġistrati matul id-distribuzzjoni tal-lixka tal-vaċċin;
- id-distribuzzjoni tal-lixka tal-vaċċin: il-ħin u l-pożizzjoni ta' kull lixka rilaxxata matul id-distribuzzjoni mill-ajru jekk id-daqs totali taż-żona tat-tilqim għal kull kampanja ta' tilqim ikun akbar minn 20 000 km²;
- (iv) il-monitoraġġ tal-effettività tat-tilqim, b'mapep bid-*data* ta':
- għadd ta' annimali pożittivi għat-test tal-bijomarkatur/għadd ta' testijiet tal-bijomarkatur imwettqa;
- l-għadd ta' annimali li huma pożittivi għat-testijiet seroloġiċi/l-għadd ta' testijiet seroloġiċi;
- (v) l-għadd u r-riżultati tat-titrazzjoni tat-testijiet tal-lixka tal-vaċċin li jkunu saru;

- (c) l-għadd ta' każijiet ikkonfermati li għalihom ma kienx hemm infezzjoni bl-RABV fit-territorju kkonċernat (każijiet importati);
 - (d) jekk ikunu ġew identifikati rabtiet epidemjoloġiċi fil-każijiet imsemmija fil-punt (c), ir-riżultati tas-sorveljanza miżjuda mwettqa fuq perjodu ta' sitt xhur wara l-mewt tal-annimal ikkonċernat, fejn ikun rilevanti.
9. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għall-infezzjoni bl-BTV:
- (a) kamp ta' applikazzjoni territorjali b'mappa u deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiki u amministrattivi koperti mill-programm ta' eradikazzjoni u l-ismijiet taż-żoni u tar-reġjuni, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm; fejn ikun rilevanti, ir-raġunijiet għall-applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 37(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u l-evoluzzjoni taż-żona matul il-programm;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali mill-popolazzjoni tal-annimali fil-mira fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' annimali tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira li jinżammu fl-istabbilimenti msemmija fil-punt (b) fil-31 ta' Diċembru;
 - (d) l-iskemi ta' kampjunar implimentati kull sena: l-unità ta' mmappjar u l-kriterji tal-għażla implimentati, il-frekwenza tal-ittestjar, l-għadd ta' testijiet, it-tip ta' metodi dijanjostiċi u r-riżultati;
 - (e) l-għadd ta' każijiet ikkonfermati skont iż-żona, l-ispeċi, is-sena/xhur u s-serotip(i) tal-BTV;
 - (f) l-għadd ta' annimali mlaqqma skont is-sena, l-ispeċi u s-serotip(i) tal-BTV;
 - (g) id-deroga għall-movimenti mogħtija, l-għadd ta' annimali kkonċernati u, fejn ikun rilevanti, l-adattament tas-sorveljanza implimentata;
 - (h) il-miżuri kkoordinati ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi, fejn ikun rilevanti, u l-adattament tas-sorveljanza għal sorsi esterni ta' infezzjoni bil-BTV.
10. fil-każ ta' programmi ta' eradikazzjoni għal mard ta' annimali akkwatiċi tal-kategoriji B u C, skont iż-żona, il-kompartiment, jew ir-reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali:
- (a) l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati u fejn ikun rilevanti, l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati li jżommu annimali mill-popolazzjoni tal-annimali fil-mira u mill-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, li huma inklużi fil-programm ta' eradikazzjoni, kif ukoll mapep li juru l-post fejn jinsabu l-istabbilimenti u l-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura u, fejn ikun rilevanti, il-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, mill-għadd ta' stabbilimenti jew mill-punti ta' kampjunar imsemmija fil-punt (a), li mhumiex infettati fil-31 ta' Diċembru;
 - (c) l-għadd ta' żjarat tas-saħħa tal-annimali għal kull żjara approvata u fejn ikun rilevanti, l-istabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati;
 - (d) l-għadd ta' kampjunar għal kull stabbiliment approvat u fejn ikun rilevanti, stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati jew punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi, kif ukoll dettalji ta' speċijiet, riżultati ta' kampjunar (pożittiv/negattiv) u temperatura tal-ilma fil-ħin tal-kampjunar;
 - (e) l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura infettati u, fejn ikun rilevanti, il-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi b'każ(ijiet) ikkonfermat(i) mill-għadd ta' stabbilimenti msemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru;
 - (f) l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura infettati ġodda u, fejn ikun rilevanti, il-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi b'każ(ijiet) ikkonfermat(i) mill-għadd ta' stabbilimenti msemmija fil-punt (a) fil-31 ta' Diċembru.
-

ANNEX VII

INFORMAZZJONI MEĦTIEĠA GĦAS-SOTTOMISSJONI TA' PROGRAMMI TA' ERADIKAZZJONI
F'KONFORMITÀ MAL-ARTIKOLU 10

TAQSIMA 1

**Sottomissjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C ta' annimali terrestri bbażati fuq l-
għoti ta' status ta' ħielsa mill-mard fil-livell ta' stabbilimenti**

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C ta' annimali terrestri bbażati fuq l-għoti ta' status ta' ħielsa mill-mard fil-livell ta' stabbilimenti:

1. Data tas-sottomissjoni.
2. Isem tal-pajjiż.
3. Isem tal-marda.
4. Kamp ta' applikazzjoni territorjali b'deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi koperti mill-programm ta' eradikazzjoni u l-ismijiet taż-żoni u tar-reġjuni, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm.
5. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika għal kull żona jew reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira skont l-istatus tas-saħħa ⁽¹⁾ ħliet stabbilimenti li jaqgħu taħt id-deroga msemmija fil-punt (6)(f) fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' annimali tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira li jinżammu fl-istabbilimenti msemmija fil-punt (a) skont l-istatus tas-saħħa;
 - (c) mapep li jindikaw id-densità tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira msemmija fil-punt (b) skont l-istatus tas-saħħa;
 - (d) skeda ta' żmien bi prevalenza, *data* ta' inċidenza u, fejn rilevanti, storja ta' tilqim li tkopri mill-inqas l-aħħar ħames snin; u
 - (e) informazzjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika f'popolazzjonijiet addizzjonali tal-annimali, fejn ikun rilevanti.
6. Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' kontroll tal-mard tal-programm ta' eradikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 16 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689, inkluż mill-inqas:
 - (a) l-iskemi ta' kampjunar u l-metodi dijanjostiċi li jridu jintużaw f'konformità mal-Anness IV tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689:
 - (i) għall-għoti ta' status ta' ħielsa mill-mard lil stabbilimenti u ż-żamma ta' dan l-istatus;
 - (ii) biex tiġi kkonfermata jew eskluża l-marda fil-każ ta' każ suspettat;
 - (b) il-miżuri ta' kontroll tal-mard li jridu jiġu applikati fil-każ ta' każ ikkonfermat;
 - (c) il-miżuri ta' bijosigurtà u mitigazzjoni tar-riskji li jridu jiġu implimentati;
 - (d) it-tip ta' vaċċin(i) li jrid(u) jintuża(w) u l-iskema ta' tilqim, jekk ikun rilevanti;
 - (e) il-miżuri li jridu jiġu implimentati fir-rigward tal-popolazzjonijiet addizzjonali tal-annimali, jekk ikun rilevanti;
 - (f) id-derogi li jridu jiġu applikati f'konformità mal-Artikolu 19 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, jekk ikun rilevanti;
 - (g) il-miżuri kkoordinati ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi, jekk ikun rilevanti.
7. Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni, tas-supervizzjoni u tar-rwoli tal-partijiet involuti fil-programm ta' eradikazzjoni inkluż mill-inqas:
 - (a) l-awtoritajiet responsabbli mill-koordinazzjoni u mis-supervizzjoni tal-implimentazzjoni tal-programm;
 - (b) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.
8. It-tul ta' żmien smat tal-programm ta' eradikazzjoni.

⁽¹⁾ Ħieles mill-mard, infettat jew mhux magħruf.

9. Il-miri intermedji tal-programm ta' eradikazzjoni li jinkludu mill-inqas:
- (a) it-tnaqis annwali mistenni fl-għadd ta' stabbilimenti infettati;
 - (b) iż-żieda annwali mistennija fl-għadd ta' stabbilimenti ħielsa mill-mard;
 - (c) il-kopertura tat-tilqim mistennija, fejn ikun rilevanti.

TAQSIMA 2

Sottomissjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bl-RABV:

1. Data tas-sottomissjoni.
2. Isem tal-pajjiż.
3. Kamp ta' applikazzjoni territorjali b'deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi koperti mill-programm ta' eradikazzjoni u ismijiet taż-żoni u tar-reġjuni, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm.
4. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika matul mill-anqas l-aħħar ħames snin, inkluż:
 - (a) l-għadd ta' każijiet ikkonfermati skont l-ispeċijiet ta' annimali elenkati;
 - (b) mapep li jindikaw id-distribuzzjoni ta' każijiet ikkonfermati msemmija fil-punt (a) fis-sena;
 - (c) strateġija ta' kontroll tal-mard u r-riżultati ta' miżuri ta' kontroll.
5. Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' kontroll tal-mard tal-programm ta' eradikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 32 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689:
 - (a) is-sorveljanza, inkluż mill-inqas:
 - (i) il-popolazzjoni tal-annimali fil-mira;
 - (ii) l-iskemi ta' kampjunar u dettalji dwar il-ġbir ta' annimali mejtin;
 - (iii) il-metodi dijanjostiċi;
 - (b) jekk ikun rilevanti, it-tilqim, inkluż mill-inqas:
 - (i) it-tilqim ta' annimali miżmuma fil-qafas tal-programm ta' eradikazzjoni;
 - it-tip ta' vaċċin(i) li jrid(u) jintuża(w);
 - il-popolazzjoni fil-mira;
 - (ii) it-tilqim ta' annimali selvaġġi:
 - definizzjoni/demarkazzjoni taż-żona tat-tilqim;
 - il-frekwenza u d-dati mistennija tal-kampanji ta' tilqim;
 - il-lixka(i) tal-vaċċin li trid/jridu tintuża(jintużaw);
 - il-metodu ta' distribuzzjoni tal-lixka tal-vaċċin u d-densità mfassla tal-lixka tal-vaċċin;
 - deskrizzjoni tal-metodi li jridu jintużaw biex tiġi vvalutata d-distribuzzjoni korretta tal-lixka tal-vaċċin;
 - deskrizzjoni tal-istrateġija għall-monitoraġġ tal-effettività tat-tilqima fir-rigward tas-seroloġija u l-użu tal-lixka tal-vaċċin fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira, l-iskemi ta' kampjunar, b'dettalji dwar il-ġbir ta' annimali mejta, u metodi dijanjostiċi;
 - deskrizzjoni tal-miżuri biex jiżguraw iż-żamma tal-kwalità tal-lixka tal-vaċċin qabel ma titqassam b'mod partikolari fir-rigward tat-titrazzjoni tal-lixki tal-vaċċin u l-kontrolli tal-katina ta' tkessiħ;
 - it-tilqim ta' klieb li jiġru fit-toroq bit-tip ta' vaċċin(i) li jrid/jridu jintuża(w) u l-popolazzjoni fil-mira;
 - (c) il-miżuri ta' kontroll tal-mard li jridu jiġu applikati fil-każ ta' każ ikkonfermat;
 - (d) il-kampanji ta' informazzjoni pubblika li jridu jiġu implimentati;

- (e) il-miżuri li jridu jiġu implimentati biex jitnaqqas il-kuntatt ma' annimali infettati;
 - (f) il-miżuri kkoordinati ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi, fejn ikun rilevanti.
6. Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni, tas-superviżjoni u tar-rwoli tal-partijiet involuti fil-programm ta' eradikazzjoni inkluż mill-inqas:
- (a) l-awtoritajiet responsabbli mill-koordinazzjoni u mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-programm;
 - (b) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.
7. It-tul ta' żmien stmat tal-programm ta' eradikazzjoni.
8. Il-miri intermedji tal-programm ta' eradikazzjoni li jinkludu mill-inqas:
- (a) it-tnaqqis annwali mistenni fl-għadd ta' tifqigħat;
 - (b) l-għadd mistenni ta' tifqigħat ikkonfermati f'żoni b'tifqigħat matul is-sena ta' qabel;
 - (c) il-perċentwal mistenni ta' serokonverżjoni f'popolazzjonijiet tal-annimali fil-mira;
 - (d) il-perċentwal mistenni tat-teħid tal-vaċċin fl-annimali tal-ispeċijiet fil-mira.

TAQSIMA 3

Sottomissjoni ta' programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-BTV

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-programmi ta' eradikazzjoni għal infezzjoni bil-BTV:

1. Data tas-sottomissjoni.
2. Isem tal-pajjiż.
3. Kamp ta' applikazzjoni territorjali b'deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiċi u amministrattivi koperti mill-programm ta' eradikazzjoni u l-ismijiet taż-żoni u tar-reġjuni, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm: u r-raġunijiet għall-applikazzjoni tad-deroga prevista fl-Artikolu 37(3) tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, fejn ikun rilevanti.
4. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika għal kull żona jew reġjun, jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) l-għadd ta' stabbilimenti li jżommu annimali mill-popolazzjoni tal-annimali fil-mira fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-għadd ta' annimali tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira li jinżammu fl-istabbilimenti msemmija fil-punt (a);
 - (c) mapep li jindikaw:
 - (i) id-densità tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira msemmija fil-punt (b); u
 - (ii) id-distribuzzjoni ġeografika ta' każijiet ta' infezzjoni bil-BTV skont is-serotipi li jkopru mill-inqas l-aħħar ħames snin;
 - (d) skeda ta' żmien bi prevalenza, *data* ta' inċidenza u, fejn rilevanti, storja ta' tilqim li tkopri mill-inqas l-aħħar ħames snin;
 - (e) ir-riżultati tas-sorveljanza tal-vetturi li mill-inqas ikopru l-ħames snin li għaddew;
 - (f) informazzjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika f'popolazzjonijiet addizzjonali tal-annimali, fejn ikun rilevanti.
5. Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' kontroll tal-mard tal-programm ta' eradikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 inkluż mill-inqas:
 - (a) id-dettalji tas-sorveljanza attiva li trid tiġi implimentata f'konformità mat-Taqsima 4 tal-Kapitolu 1 tal-Parti II tal-Anness V tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 bi:
 - (i) mapep li jindikaw l-unitajiet ġeografiċi;
 - (ii) għażla ta' siti ta' kampjunar, skemi ta' kampjunar u metodi dijanjostiċi użati għall-monitoraġġ ta' annimali sentinella;
 - (iii) għażla ta' siti ta' kampjunar, skemi ta' kampjunar u metodi dijanjostiċi użati għall-istħarriġ ta' prevalenza strutturata;
 - (b) tip ta' vaċċin(i) li jrid/jridu jintuża(w) u skemi ta' tilqim għat-tilqim tal-popolazzjoni tal-annimali fil-mira rilevanti, fejn ikun rilevanti;

- (c) proċedura u metodi dijanjostiċi biex tiġi kkonfermata jew eskluża l-marda fil-każ ta' każ suspettat;
 - (d) il-miżuri ta' kontroll tal-mard li jridu jiġu applikati fil-każ ta' każ ikkonfermat;
 - (e) restrizzjonijiet fuq il-moviment implimentati għal movimenti ta' annimali miżmuma u prodotti ġerminali;
 - (f) il-miżuri ta' bijosigurtà u mitigazzjoni tar-riskji li jridu jiġu implimentati;
 - (g) dettalji dwar is-sorveljanza tal-vetturi u, fejn ikun rilevanti, l-istabbiliment ta' żoni staġjonalment ħielsa mill-BTV;
 - (h) dettalji dwar l-għoti lill-istabbilimenti tal-istatus ta' "stabbiliment protett mill-vetturi", fejn ikun rilevanti;
 - (i) miżuri kkoordinati ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi, fejn ikun rilevanti.
6. Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni, tas-superviżjoni u tar-rwoli tal-partijiet involuti fil-programm ta' eradikazzjoni inkluż mill-inqas:
- (a) l-awtoritajiet responsabbli mill-koordinazzjoni u mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-programm;
 - (b) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.
7. It-tul ta' żmien stmat tal-programm ta' eradikazzjoni.
8. Il-miri intermedji tal-programm ta' eradikazzjoni li jinkludu mill-inqas:
- (a) it-tnaqqis annwali mistenni fl-għadd ta' każijiet ikkonfermati fil-popolazzjoni tal-annimali fil-mira;
 - (b) iż-żieda annwali mistennija fl-għadd ta' unitajiet ġeografiki ħielsa mill-mard;
 - (c) il-kopertura tat-tilqim mistennija, fejn ikun rilevanti.

TAQSIMA 4

Sottomissjoni tal-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C tal-annimali akkwatiċi

Informazzjoni li trid tiġi inkluża fil-programmi ta' eradikazzjoni għal mard tal-kategoriji B u C tal-annimali akkwatiċi:

1. Data tas-sottomissjoni.
2. Isem tal-pajjiż.
3. Isem tal-marda.
4. Kamp ta' applikazzjoni territorjali b'deskrizzjoni u demarkazzjoni taż-żoni ġeografiki u amministrattivi koperti mill-programm ta' eradikazzjoni u l-ismijiet taż-żoni jew tal-kompartimenti.
5. Deskrizzjoni tas-sitwazzjoni epidemjoloġika għal kull żona, kompartiment jew reġjun jekk aktar minn reġjun wieħed ikun inkluż fil-kamp ta' applikazzjoni territorjali tal-programm:
 - (a) l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura approvati u l-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura rreġistrati li jżommu annimali mill-popolazzjoni tal-annimali fil-mira, skont it-tip ta' produzzjoni u l-istatus tas-saħħa (?) fil-31 ta' Diċembru;
 - (b) l-ispeċijiet elenkati miżmuma fl-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fil-punt (a) skont l-istatus tas-saħħa;
 - (c) mapep li jindikaw:
 - (i) il-pożizzjoni ġeografika tal-istabbilimenti tal-akkwakultura msemmija fil-punt (a) u ż-żoni rilevanti tal-magħqad tal-ilma; u
 - (ii) id-distribuzzjoni ġeografika ta' każijiet ta' infezzjoni bil-mard tal-kategoriji B jew C rilevanti li tkopri mill-inqas l-aħħar ħames snin;
 - (d) informazzjoni dwar is-sitwazzjoni epidemjoloġika fl-annimali akkwatiċi selvaġġi, fejn ikun rilevanti.
6. Deskrizzjoni tal-istrateġija ta' kontroll tal-mard tal-programm ta' eradikazzjoni f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 inkluż mill-inqas:
 - (a) l-iskemi ta' kampjunar u l-metodi dijanjostiċi li jridu jintużaw f'konformità mal-Anness VI tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 għal:
 - (i) żjarat tas-saħħa u kampjunar fi stabbilimenti tal-akkwakultura;
 - (ii) is-sorveljanza mmirata fil-popolazzjonijiet selvaġġi, fejn ikun rilevanti;

(?) Mhux infettat, infettat, mhux magħruf.

- (b) il-miżuri ta' kontroll tal-mard li jridu jiġu applikati fil-każ ta' każ ikkonfermat;
 - (c) il-miżuri ta' bijosigurtà u mitigazzjoni tar-riskji li jridu jiġu implimentati;
 - (d) skemi ta' tilqim, fejn ikun rilevanti;
 - (e) il-miżuri li jridu jiġu implimentati fir-rigward tal-annimali akkwatiċi selvaġġi u l-għadd u l-lokalità ġeografika tal-punti ta' kampjunar fejn ikun rilevanti;
 - (f) id-derogi li jridu jiġu applikati f'konformità mal-Artikolu 53 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689, fejn ikun rilevanti;
 - (g) miżuri kkoordinati ma' Stati Membri oħra jew ma' pajjiżi terzi, fejn ikun rilevanti.
7. Deskrizzjoni tal-organizzazzjoni, tas-superviżjoni u tar-rwoli tal-partijiet involuti fil-programm ta' eradikazzjoni inkluż mill-inqas:
- (a) l-awtoritajiet responsabbli mill-koordinazzjoni u mis-superviżjoni tal-implimentazzjoni tal-programm;
 - (b) ir-responsabbiltajiet tal-partijiet ikkonċernati kollha involuti.
8. It-tul ta' żmien stmat tal-programm ta' eradikazzjoni.
9. Il-miri intermedji tal-programm ta' eradikazzjoni u l-istrategġi għall-kontroll tal-mard għall-implimentazzjoni tiegħu, inkluż mill-inqas:
- (a) it-tnaqqis annwali mistenni fl-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura infettati u fejn ikun rilevanti, il-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi;
 - (b) iż-żieda annwali mistennija fl-għadd ta' stabbilimenti tal-akkwakultura u, fejn ikun rilevanti, il-punti ta' kampjunar fil-popolazzjonijiet selvaġġi li ttestjaw negattivi;
 - (c) il-kopertura tat-tilqim mistennija, fejn ikun rilevanti.
-